MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 609/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Etienne Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Etienne Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 84077(M).

Akkuzat talli:
Nhar l-4 ta' Settembru 2012, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu minn go residenza numru 80, Triq San Girgor, Zejtun, flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' gradenza antika, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bil-valur liema valur huwa izjed min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), ghad-detriment tas-Sinjuri Alfredo

Vella, Catania Enriquez u/jew ta’ persuna/i u/jew ta’ xi entita` u/jew entitajiet ohra;

U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn wiegeb illi huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u rega’ ikkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat illi l-imputat ammetta fis stadju bikri u li huwa kkopera pjenament mal-prosekuzzjoni u li r-resfurtiva giet pjenament ritornata lura;

Rat ukoll illi l-imputat sab xoghol u ghalhekk jekk jinghata piena karcerarja, dan ser ikun ippregudikat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b),(c), (e) u (f), 263, 267, 269, 270 u 278(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda ssib lill-imputat Etienne Farrugia hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tpoggih taht Probation Order ghal zmien tlett (3) snin.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------